MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## GRAZIO MERCIECA

Seduta tat-28 ta' Jannar, 2005

Talba Numru. 98/2004

**Salvina Azzopardi**

**vs**

**George Grech**

It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

“Prevja okkorrendo id-dikjarazzjoni illi inti konvenut tinsab unikament responsabbli ghall-incident stradali illi gara fit-30 ta’ Awissu 2004 fi Triq il-Qbajjar, Marsalforn limiti ta’ Zebbug, Gozo bejn il-vettura IBD 359 misjuqa minnek, u dik LCB 128 misjuqa mill-attrici, minhabba illi inti ma rnexxilekx twaqqaf il-vettura tieghek, u bqajt diehel fil-vettura tal-attrici illi kienet wieqfa tistenniek tghaddi minn spazju ristrett, u ghalhekk ghandek titqies illi ma kellekx il-kontroll komplet tal-vettura tieghek;

Tigi kundannat thallas lill-attrici id-danni kollha sofferti minnha per konsegwenza tal-istess incident."

Ra r-risposta:

"Nota tal-Eccezzjonijiet tal-konvenut:

Jeccepixxi bil-qima:-

1. Illi t-talbiet attrici huma nfundati fid-dritt u fil-fatt u dan stante illi l-incident meritu ta' din il-kawza sehh unikament tort ta' sewqan traskurat, nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku min-naha ta' l-attrici kif ukoll minhabba l-fatt illi l-attrici naqset milli zzomm *a proper lookout* u ghaldaqstant l-istess attrici hija unikament responsabbli ghall-incident;

2. Illi fi kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju ghas-suespost l-ammont kif pretiz mill-attrici huwa wiehed esagerat.

3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Bl-ispejjes.

Bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni illi ghaliha minn issa inti attrici tinsab ngunta."

Ra l-kontrotalba:

"Prevja okkorrendo d-dikjarazzjoni illi inti Salvina Azzopardi tinsab unikament responsabbli ghall-incident stradali illi gara fit-30 t'Awwissu, 2004 fi Triq Qbajjar, Marsalforn, limiti Zebbug, Ghawdex bejn il-vettura LCB 128 misjuqa minnek u IBD 369 misjuqa minn George Grech minhabba illi inti ma rnexxilekx twaqqaf il-vettura tieghek u bqajt diehla fil-vettura ta' George Grech li kien wieqaf jistenniek tghaddi u ghalhekk ghandek tigi meqjusa illi ma kellekx il-kontroll komplet tal-vettura tieghek;

Tigi kkundannata thallas lil George Grech id-danni kollha sofferti minnu per konsegwenza ta' l-istess incident."

Sema’ x-xhieda, ra d-dokumenti esibiti u sema’ trattazzjoni tal-avukati difensuri;

Ikkunsidra:

L-incident sehh fi Triq il-Qbajjar, Marsalforn, limiti taz-Zebbug, Ghawdex, li fil-parti fejn sehh l-incident hija angolata ’l fuq fid-direzzjoni imnejn kienet gejja ssuq l-attrici. Hemm zewg verzjonijiet konfliggenti dwar kif sehh l-incident: Kemm *a tempo vergine* kif ukoll quddiem it-Tribunal, l-attrici stqarret li qabel l-incident waqfet u l-konvenut baqa’ diehel go fiha; filwaqt li l-konvenut, ukoll kemm *a tempo vergine* kif ukoll quddiem it-Tribunal, sostna li bil-maqlub ta’ dak li sostniet l-attrici, huwa waqaf u kienet hi li baqghet diehla gewwa fih.

Il-verzjoni tal-konvenut hija kkorroborata minn habib tieghu George Attard, li kien passiggier fil-vettura tal-istess konvenut fuq in-naha ta’ quddiem, u li t-Tribunal jaghtih affidament ghall-mod limpidu li bih xehed, li ma jhalli l-ebda dubbju f’mohh il-gudikatur li dan ix-xhud xehed il-verita’ u cioe’ li kien il-konvenut li waqaf, u li kienet l-attrici li habtet mieghu.

Mill-iskizz (fol 28) jidher li l-vetturi qabel il-habta kienu kexxun ma’ xulxin. Il-hsarat minimi – semplici barxa hafifa – fuq il-gemb lemini tal-vettura tal-konvenut u l-hsarat sofferti mill-attrici, konsistenti f’ticrita fuq il-gemb lemini taghha, u t-tqaccit tal-mera – huma iktar konsonanti mal-verzjoni tal-konvenut milli dik tal-attrici: il-konvenut kien wieqaf, l-attrici telghet kexxun mieghu, u l-ewwel laqtitu bil-mera taghha fuq in-naha tal-lemin imbaghad hakmet il-bull-bar tal-hadid li kien hemm fuq il-warrani tal-vettura tal-konvenut, li carrtet il-gemb lemini tal-vettura tal-attrici mill-mudguard tar-rota ta’quddiem sa wara nett tal-karozza. Kieku l-attrici kienet wieqfa u l-konvenut baqa’ diehel gewwa fiha, hekk kif kien sejjer ghan-nizla, b’pickup u dghajsa rmunkata warajh, il-hsara kienet aktarx tkun iktar lokalizzata f’post wiehed minflok matul il-maggor parti tal-gemb tal-karozza tal-attrici, u ma kinitx tkun tikkonsisti f’ticrita imma f’daqqa jew ghafsa.

Jirrizulta ghalhekk li l-incident sehh unikament tort tas-sewqan imprudenti tal-attrici.

Il-quantum tad-danni sofferti mill-konvenut gie sodisfacentement ippruvat u difatti ma giex ikkontestat waqt is-smiegh tal-kawza.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta'u jiddeciedi billi jichad it-talba attrici, jilqa'l-kontrotalba tal-konvenut u jikkundanna lill-attrici thallas lill-konvenut is-somma ta' LM349.49c ammont ta' danni minnu subiti kawza tal-kollizjoni soggett ta' din il-kawza, bl-ispejjez a kariku tal-attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------